

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 141/2012

tat-13 ta' Lulju 2012

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni foqasma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 122/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 ⁽¹⁾.
- (2) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim sabiex tinkludi l-kooperazzjoni dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema, koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi.
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din l-estensjoni ta' kooperazzjoni tkun tista' sseħħ mill-1 ta' Jannar 2012,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 11:

"12. Mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem, l-Istati tal-EFTA jipparteċipaw fl-azzjonijiet iffinanzjati mill-intestaturi baġitarji li ġejjin, imdahlha fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012:

— **Intestatura tal-Baġit 04 01 04 08:** 'Moviment ħieles tal-ħaddiema, koordinazzjoni tas-sistemi

tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi – In-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva',

— **Intestatura tal-Baġit 04 03 05:** 'Moviment ħieles tal-ħaddiema, koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi'".

2. Il-kliem "u fil-programm imsemmi fit-tnax-il inċiż mill-1 ta' Jannar 2009" fil-paragrafu 5 jiġi ssostitwit b'dan: "u fil-programm imsemmi fit-tnax-il inċiż mill-1 ta' Jannar 2009 u fl-azzjonijiet iffinanzjati mil-linji tal-baġit għas-sena finanzjarja 2012 msemmija fil-paragrafu 12 mill-1 ta' Jannar 2012".
3. Il-kliem "paragrafu 8" fil-paragrafi 6 u 7 jiġi sostitwit bil-kliem "il-paragrafi 8 u 12".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

⁽¹⁾ ĠU L 270, 4.10.2012, p. 46.

^(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.